Kopja Informali

## Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 12 ta' Frar 2025

Kump Nru. 751/2022

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Vella)**

**vs**

**Ivan Cassar**

**(K.I. Nru 196280M)**

**Rene' Antonelli**

**(K.I. Nru 186884M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Ivan Cassar** ta' 42 sena, bin Mario u Franġiska nee' Pace, imwieled il-Pietà nhar l-11 ta April 1980, residenti ġewwa numru 285, Elisir, Triq Santa Duminka, Żabbar u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 196280M, u **Rene`Antonelli** ta' 38 sena, iben Paul Antonelli u Rose nee` Bonello, imwieled il-Pietà fil-31ta' Marzu 1984, residenti ġewwa Zincor Court, Blk

B, Flat 4, Triq il-Ħmistax ta' Awwissu, Qrendi u detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 186884M u akkużati talli nhar is-26 ta' Ottubru 2022, għall-ħabta ta' bejn id-21:00hrs u 22:00hrs ġewwa Triq Ħal Qormi, Marsa u ġewwa dawn il-Ġżejjer:

1. Bħala uffiċjali jew impjegati pubbliċi li kienu qegħdin jaġixxu fil-kapaċità uffiċjali, xjentement infliġġew fuq Anoob George Thomas uġiegħ jew tbatija gravi, sew fiżika, sew mentali sabiex jikkastigaw lil Anoob George Thomas għal xi att li hu wettaq jew issuspettaw li hu wettaq u dan bi ksur tal-Artikolu 139A (b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Aktar talli bħala uffiċjali pubbliċi jew impjegati pubbliċi dolożament bi ksur ta' dmirijiet tagħhom, għamlu jew naqsu li jagħmlu xi att bi ħsara għal Anoob George Thomas u dan bi ksur ta' l-artikolu 138 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Aktar talli bla ordni skond il-liġi tal-awtorità' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestajtu, żammejtu jew issekwestrajtu lil Anoob George Thomas kontra l-volontà tiegħu u dan bi ksur ta' l-artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Aktar tali bħala persuni li arrestatju lil Anoob George Thomas, inqastu mingħajr ebda dewmien tgħarrfu lill-Pulizja bl-arrest li għamiltu u dan bi ksur tal-artikoli 355W (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fuq Anoob George Thomas ikkaġunajtulu ġrieħi ta' natura ħafifa, hekk kif iċċertifikat mit-tabib Mark DeBrincat (MED4710) mill-Floriana Health Centre u dan bi ksur tal-artikoli 214,215,u 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. U aktar talli ħebbejtu għal Anoob George Thomas sabiex tinġurjawh, iddejquh, jew tagħmlulu l-ħsara u dan bi ksur tal-artikolu 339 (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. U aktar talli għamiltu inġurji jew theddid jew provokazzjoni b' mod li ħriġtu mil-limiti tal-provokazzjoni fil-konfront ta' Anoob George Thomas u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. U aktar talli volontarjament ksirtu l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. U aktar talli volontarjament ksirtu l-mistrieħ ta' matul il-lejl u dan bi ksur tal-artikolu 338 (m) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. U aktar talli eċċedejtu l-limiti tal-veloċità preskritt skond il-liġi u dan bi ksur tal-artikolu 127 (1) tal-Leġiżlazzjoni Sussudjarja 65.11.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex titratta l-imputati bħala uffiċjali jew impjegati pubbliċi, liema uffiċjali kellhom id-dmir jissorveljaw biex dawn ir-reati ma' jsirux u minħabba l-kariga tagħhom huma kellhom d-dmir li jimpedixxu ai termini tal-artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, tisspospendi l liċenzja tas-sewqan ta' Ivan Cassar u Rene Antonelli għal perjodu li jidhrilha xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi għas-sigurtà ta' Anoob George Thomas u/jew individwi oħra biex tinżamm l-ordni pubblika, jew għal skop ta' protezzjoni tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza u dan skont l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurtà ta' Anoob George Thomas billi tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat u dan skont l-Artikolu 382A et seq tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar id-19 ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta datata 2 ta' Frar 2024.[1]

Rat illi fis-seduta tal-22 ta' Frar 2024, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa' tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati l-11 ta' Ottubru 2023[2] fejn indika li l-akkużati għandhom jinstabu ħatja taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-artikolu 139A(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 86,87(1)(ċ), 88, 138, 139 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 86,87(1)(ċ), 88 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 355W(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 214, 215, 221 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 338(m) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. Fl-artikolu 127(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta;
11. Fl-artikoli 15A, 17, 31,141, 382A, 383, 384, 385,386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
12. Fl-artikoli 54 u 55 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

Liema Artikoli nqraw fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023 fejn l-akkużati ddikjaraw illi m'għandhomx oġġezzjoni li jiġu ġġudikati minn din il-Qorti.

[1] A fol. 468 tal-atti proċesswali.
[2] A fol. 357 sa 358 tal-atti proċesswali.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużati;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti u minn dak li semgħet il-Qorti jirriżulta li fl-14 ta' Novembru 2022 il-pulizija tas-CMIU irċevew email mingħand Tim Diacono, id-deputat editur ta' *Loving Malta,* ma' liema email kien hemm anness filmat li juri żewġ uffiċjali ta' Transport Malta li kienu qed jagħtu daqqiet ta' ponn lil xi ħadd li kien mixħut ma' l-art fit-triq. Fl-email is-sur Diacono qal li dan l-inċident kien ġara fis-26 ta' Ottubru 2022 għall-ħabta ta' 21:30hrs ġewwa Triq Ħal Qormi, Marsa.[3] Din l-email ġiet mgħoddija lill-pulizija ta' l-għassa tal-Ħamrun li immedjatament bdew jinvestigaw sabiex jiġu identifikati kemm il-vittma kif ukoll min kieku l-uffiċjali ta'Transport Malta li aggredew lill-vittma. Transport Malta kienet infurmata li kienet infetħet din l-investigazzjoni u saret talba uffiċjali sabiex l-uffiċjali involuti jiġi indikati lill-pulizija. Irriżulta li dawn kienu l-akkużati. Minn aktar investigazzjoni rriżulta li l-vittma kien qiegħed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CCL-886 ta' l-għamla Nissan March u għalhekk il-pulizija talbu lil *Zammit Holdings limited* sabiex jindikawlhom il-persuna li kienet qiegħda tagħmel użu minn dik il-vettura. Fil-fatt irriżulta li l-vettura kienet inxtrat permezz ta' kuntratt ta' *hire-purchase* minn ċerta Anil Thekkilakkattil Rajappan u Mundaplackal Soman.[4] Huwa ngħata wkoll numru ċellulari u meta l-ispettur Ian Vella għamel kuntatt fuq dan in-numru, irriżulta li kien jappartjeni lil ċerta Anoob George Thomas. Meta marru fir-residenza tiegħu biex ikellmuh, fetħitilhom Ashwathy Thomas li kkonfermat li l-persuna li tidher qed taqla' d-daqqiet fil-filmat hija ħu r-raġel tagħha Anikurula Thomas, ċioè l-parti leża Anoob George Thomas. Waqt li l-pulizija kienu qed ikellmu lil Aswathy Thomas laħaq wasal id-dar Anoob George Thomas li kien mitlub imur l-għassa sabiex jirrilaxxa stqarrija, kif għamel.

[3] Ara r-rapport li tħejja mill-Pulizija li jinsab eżebit bħala Dok. IV15 a fol. 74 sa 84 ta' l-atti proċesswali.
[4] Ara x-xhieda mogħtija minn PC423 Victorio Ciantar mogħtija fl-14 ta' Frar 2023 a fol. 160 sa 161 ta' l-atti proċesswali.

Huwa rrilaxxa din l-istqarrija fis-16 ta' Novembru 2022 fejn stqarr li kien ilu jgħix Malta 5 snin u li jaħdem bħala *'carer'* ġewwa l-Isptar Monte Carmeli[5] Muri l-filmat li kellhom f'idejhom il-pulizija huwa identifika lilu nnifsu bħala dak ir-raġel li kien mimdud ma' l-art. Huwa stqarr li huwa jgħix flimkien ma' ħuh u l-mara tiegħu. Kompla jgħid li dakinhar ta' l-inċident huwa ma' kienx id-dar għaliex kellu festin. Waqt li kien qiegħed dan il-festin, kienet ċemplitlu l-mara ta' ħuh biex tgħidlu biex imur id-dar malajr peress illi ħuh, li kellu problemi mentali u kien għadu kif ġie rrilaxxat mill-isptar Monte Carmeli kien mar jixrob u meta mar id-dar sab lill-martu u beda' jargumenta magħha u jhedded li ser joqtolha. Il-parti leża stqarr li kien f' paniku u għalhekk telaq malajr mir-Rabat u saq b'ċertu veloċità qawwija lura lejn id-dar. Qal li xi ħadd, li ma' jafx kienx pulizija jew uffiċjal tat-Transport Malta kien qed isegwih. Huwa stqarr li ma' waqafx u rnexxielu jasal quddiem id-dar tiegħu. Malli fetaħ il-bieba tal-karozza ra lill-uffiċjal u ammetta. Huwa tella' idejh it-tnejn u staqsa x' kienet il-proċedura. Uffiċjal minnhom qallu jimtedd ma' l-art u hu hekk għamel. Ftit wara ġie uffiċjal ieħor minn warajh u beda' jsawtu f' wiċċu, f'rasu u fil-kustilji biż-żarbun. Kompla jgħid li l-mara ta' ħuh u l-ġar tiegħu bdew jgħidu lill-uffiċjali biex jieqaf imma għalxejn. Huwa qal li beda' jibki u jgħid lill-uffiċjali li huwa kien qiegħed isuq veloċi għaliex il-mara ta' ħuh kienet fil-periklu.

Illi għalkemm kien għadda ż-żmien minn meta' ġara l-inċident, il-pulizija qalu lill-vittma jmur jagħmel ċertifikat mediku peress illi meta ġie mistoqsi dwar il-ġrieħi li kellu huwa qal li kien għadu jħoss xi uġieħ.[6] Dan iċ-ċertifikat ġie eżebit bħala Dok. IV16.[7]

Illi bil-kooperazzjoni ta' Transport Malta l-pulizija, identifikat lill-persuni li allegatament kienu involuti f' dan il-każ u li dehru fil-filmat irrilaxxat minn *Loving Malta.* Ittieħdet l-istqarrija ta' Noel Bugeja u Michael Sammut li dehru fil-filmat lebsin polo-shirt abjad. Noel Bugeja stqarr li huwa ser jagħlaq 5 snin *bħala* uffiċjali ta' l-infurzar *ma'* Transport Malta. Huwa identifika lilu nnifsu bħala dak liebes flok abjad u beritta f' rasu. Huwa identifika ukoll lill- uffiċjali ta' l-infurzar Michael Sammut, kif ukoll liż-żewġ akkużati. Huwa stqarr li sema' fuq ir-radju tax-xogħol li xi kollegi

[5] Ara Dok. IV10 a fol. 54 sa 60 ta' l-atti proċesswali.
[6] Ara x-xhieda ta' l-ispettur Ian Vella mogħtija fl-4 ta' Jannar 2023 a fol. 13 sa 21 ta' l-atti proċesswali.
[7] Ara Dok. IV16 a fol. 85 ta' l-Atti proċesswali.

kellhom bżonn l-assistenza u sema' min jgħid Ħamrun u allura saq 'l hemmhekk u meta wasslu ħdejn Reġina Auto Dealer raw dawl ta' beacon light u imbagħad raw raġel ma' l-art li dak il-ħin ħaseb li kien ittajjar. Huwa pparkja u kien hemm vann mal-ġenb tiegħu li kien qed jgħattilu l-vista, mar fid-direzzjoni opposta ta' fejn kien hemm ir-raġel ma' l-art, imbagħad mar aktar viċin u sema' għajjat u storbju. Huwa mar fuq il-kollegi tiegħu u żammhom milli jersqu viċin lejn il-persuna li kien hemm ma' l-art. Ra mara ukoll li marret fuqu u bdiet tgħidli li r-raġel tagħha ried jagħmel suwiċidju għalhekk dak il-ħin irrapporta lill-*Co*ntrol *room* sabiex jibgħatu l-assitenza tal-RIU. Meta wasslu l-pulizija huwa tagħhom *handover*. Mistoqsi dwar il-komportament tar-raġel li kien ma' l-art, huwa qal li kien kalm u imbagħad beda' jgħajjat għan-nuċċali tiegħu. Mistoqsi jekk rax lill-akkużati jaggredixxu lir-raġel mixħut ma' l-art, Bugeja qal li huwa sema' biss għajjat u storbju.[8]

Ittieħdet ukoll l-istqarrija ta' Michael Sammut li kien ma' Bugeja u li stqarr li hu ukoll uffiċjali ta' l-infurzar*.* Sammut stqarr li kienu ħarġu għax-xogħol u waqt li kienu fl-inħawi tal-Marsa sema' għajjat mhux tas-soltu fuq ir-radju imbagħad semgħu min jgħid Imrieħel u kif wasslu ħdejn ir-roundabout ħdejn il-Joinwell, direzzjoni lejn il-Marsa ra mutur mal-ġenb tat-triq u semgħu min jgħid Ħamrun fuq ir-radju u allura ġibdu lejn il-Ħamrun meta raw beacon lights u marru ħdejhom u waqqfu hemm. Ra raġel mixħut ma' l-art u ħasbu li kien vittma ta' inċident tat-traffiku. Iżda imbagħad ra mutur ieħor jipparkja u ra uffiċjal jiġri għal fuq ir-raġel li kien hemm ma' l-art. Mistoqsi dwar jekk rax lill-uffiċjal jagħmel xi ħaġa lil dik il-pesuna mixħuta ma' l-art qal li fil-mument li ra lill-uffiċjal sejjer fuq dik il-parte ċivile għadda vann abjad minn quddiemu li għatthielu l-viżwal ta' dak li kien qed iseħħ u b'hekk ma ra xejn. Kompla li imbagħad qasam it-triq u ra lill-akkużat Antonelli baxx ma' l-art ħdejn ir-raġel li kien mimdud u beda' jgħidlu li kien ser itajjru. Imbagħad ra lil Noel Bugeja imur fuqhom u allura dar lura biex imur iġib il-beritta u l-*vest.*[9]

Illi l-akkużati Ivan Cassar u Rene' Antonelli ġew identifikati permezz tal-kooperazzjoni tat-Transport Malta. Transport Malta għaddiet pendrive lill-pulizija li fuqha kien hemm diversi *stills* miġbura minn kameras ta' sorveljanza li kien hemm mat-triq u li huma taħt il-kontroll tat-Transport Malta. Minn aktar stħarriġ li sar mill-

---

[8] Ara Dok. IV7 a fol. 42 sa 45 ta' l-Atti proċesswali.
[9] Ara Dok. IV8 a fol. 46 sa 49 ta' l-atti proċesswali.

pulizija rriżulta li l-filmat li kien intbagħat lil *Loving Malta* kien ittieħed minn fuq bejt ta' residenza minn ċertu Justin Aquilina li fil-kors ta' l-investigazzjoni ġie mitkellem mill-pulizija u anke eżebixxa *pendrive* b'filmat li ħa hu stess minn fuq il-bejt tar-residenza tiegħu.[10]

Justin Aquilina xehed[11] li fis-26 ta' Ottubru 2022 għall-ħabta tad-21:25 ta' filgħaxija huwa kien fuq il-bejt tar-residenza tiegħu jpejjep sigarett meta sema' sirena ddoqq u mar jittawwal. Huwa ra raġel ħiereġ minn karozza b'idejh 'l fuq u uffiċjal ta' Transport Malta ddiriġieh biex jinżel wiċċu ma' l-art. Fil-fatt huwa ra lil dan ir-raġel imtedd ma' l-art mingħajr ma' offra reżistenza. Ftit wara ra uffiċjal ieħor jasal fuq fil-post riekeb mutur ieħor u niżel jiġri u qabad jagħti lir-raġel li kien mimdut ma' l-art f' wiċċu u dan ma' għamel l-ebda reazzjoni jew reżistenza. L-uffiċjal l-ieħor li kien waqqaf lir-raġel ukoll beda' ikun aggressiv lejn il-parti leża. Ix-xhud qal li huwa beda' jgħajjat biex jieqfu iżda ma' tawx kasu. Sussegwentement wasslu uffiċjali oħra li marru jferquhom. Malli kkalmat is-sitwazzjoni wasslu l-pulizija fuq il-post. Aquilina żied jgħid li ra mara tmur fuq l-uffiċjali biex twaqqafhom iżda huma bdew jagħmlulha ġest biex tersaq 'l hemm. Hu ppreżenta filmat li ħa hu stess permezz tat-telefon ċellulari tiegħu u ppreżentaħ in atti. Qal li hu kien li bagħat il-filmat lis-sit Lovin' Malta għaliex il-kuxjenza ma ħallitux jorqod bil-lejl meta jaf li l-awtoritajiet sawwtu persuna inutilment. Ittieħdet ukoll l-istqarrija ta' l-akkużati Ivan Cassar[12] u Rene' Antonelli[13] li marru jirrilaxxaw stqarrija mingħajr ma' kienu bagħtu għalihom il-pulizija.

Illi fil-kors ta' l-investigazzjoni tagħhom, il-pulizija talbu lill-Aġenżija LESA jagħtuhom kull informazzjoni li kellhom rigward dan l-akkadut. Fil-fatt huma bagħtu ritratt ta' l-*ispeed camera* ta' Ħ' Attard li kienet turi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CCL-886 u misjuqa mill-parti leza għaddejja bi *speed* eċċessiv u kif ukoll mutur tat-Transport Malta ukoll għaddej bi *speed* eċċessiv. Fil-kors ta' l-investigazzjoni l-pulizija kellmu ukoll lil Carmelo Cini, Oreste Brincat u Bernard u Rita Cachia li lkoll kien xhud okulari ta' dak li ġara. Carmelo Cini qal li ra mutur bil-*beacon lights* u x' ħin ħareġ barra ra żewġ uffiċjali jargumentaw ma' persuna oħra u jagħtuh xi daqqiet.

---

[10] Ara Dok. JA a fol. 95 ta' l-Atti proċesswali.
[11] Ara x-xhieda mogħtija nhar l-4 ta' Jannar 2023, a fol. 87 tal-atti proċesswali.
[12] Ara Dok. IV 10 a fol. 54 sa 60 ta' l-atti proċesswali.
[13] Ara Dok. IV11 a fol. 61 sa 65 ta' l-atti proċesswali.

Oreste Brincat qal li huwa kien qiegħed id-dar jara t-televixin meta ra dawl tal-*beacon lights* u ħareġ fil-gallarija. Huwa ra żewġ uffiċjali jagħtu lil wieħed raġel li joqgħod ftit aktar 'l fuq minnu, f' wiċċu u fl-istess waqt sema' lil xi ħadd jgħid li kien ser itajjru. Bernard Cachia qal li kien ħareġ fil-gallarija fil-*half-time* ta' l-logħba futbol u ra lill-parte leza jieqaf f' nofs ta' triq, joħroġ mill-karozza u jsabbat il-bieba. F' daqqa waħda ra uffiċjal jieqaf bil-mutur, jiġbdu u jitfgħu ma' l-art. Għall-ewwel rah ikellmu biss imma imbagħad beda' jagħtih fuq rasu. Resaq uffiċjal ieħor li ukoll beda' jagħtih. Inzerta kien hemm uffiċjal liebes flokk abjad li mar iwaqqaf lil dawk it-tnejn milli jibqgħu jagħtuh u qalilhom biex jieqfu. Kien hemm ukoll mara  li bdiet tgħidilhom biex jieqfu iżda huma bdew jgħidulha biex titlaq 'l hemm.

Ikkunsidrat;

Il-*parte civile* Anoob George Thomas xehed f' dawn il-proċeduri[14] fejn muri l-filmat fuq il-*pendrive* eżebit bħala Dok. JA huwa qal li fis-26 ta' Ottubru 2022, ġewwa Triq Ħal-Qormi, Marsa huwa ħareġ mill-karozza tiegħu b' idejh it-tnejn mgħollija. Sussegwentement staqsa lil wieħed mill-akkużati, li waqt li kien qed jixhed ġie indikat bħala Ivan Cassar, x' kienet il-proċedura u dak qallu jimtedd ma' l-art. Huwa kompla jgħid li imbagħad ġie xi ħadd minn warajh u beda' isawwtu. Qal li hu  kien qed isuq b' veloċità aktar milli suppost għaliex kien sejjer għand il-mara ta' ħuh li kienet ċemplitlu għall-għajnuna.[15] Il-parte civile indika l-akkużat Antonelli bħala dak li ġie minn warajh u beda' jagħtih fuq rasu u daru u jagħfas fuq daru b' xi ħaġa iebsa kif ukoll jagħtih bis-sieq fil-kustilji. Mistoqsija xi ġrieħi kellu qal li dakinhar tal-inċident huwa kien qed jisgħol u kellu uġieh fil-kustilji. Huwa spjega li sas-16 ta' Novembru 2022 meta ma' jirrilaxxa stqarrija lill-pulizija huwa kien għadu muġugħ. Mistoqsi għalfejn ħalla daqshekk żmien jgħaddi biex imur għand tabib u jagħmel ċertifikat, huwa qal li kien aktar inkwetat għas-sigurtà tal-mara ta' ħuh milli għal dak li ġara. Mistoqsi kif biddel il-ħsieb u qal li biddel fehmtu meta' ħarġet l-aħbar dwar dan l-

[14] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fl-4 ta' Jannar 2023 a fol. 96 sa 104 ta' l-atti proċesswali.

[15] Ara x-xhieda ta' PC269 Miguel Xuereb tat-8 ta' Mejju 2023 a fol. 285 fejn ikkonferma li dakinhar tal-akkużi daħlet telefonata b'rabta ma' vjolenza domestika fi Triq Ħal-Qormi, Ħamrun, fejn seħħu l-allegati reati suġġetti għal din il-kawża.

inċident u marru jkellmuh il-pulizija. Dr. Mark De Brincat xehed[16] fejn ikkonferma ċ-ċertitfikat minnu rilaxxat[17]

Xehdet Aswathy Thomas[18] li ġiet murija l-filmat fuq il-*pendrive* eżebit bħala Dok. JA fejn identifikat ħu r-raġel tagħha li kien ma' l-art b' żewġ uffiċjali ta' Transport Malta jsawtuh. Hi identifikat ukoll lill-ġara tagħha, Binsy Thomas. Hi xehdet li hija kienet quddiem id-dar tagħha, mal-ġenb tat-triq u setgħet tara dak li kien qed jiġri. Ix-xhud identifkat lill-akkużati bħala dawk li kienu qed isawwtu lill-*parte civile* u xehdet li t-tnejn li huma kienu qed isawwtuh f' rasu, spaltu, daru u fil-kustilji. Kompliet tgħid li imbagħad wasslu l-pulizija fuq il-post u żammew lill-uffiċjali ta' Transoport Malta milli jkomplu jsawwtuh. Qalet li n-nies li kienu hemm, inkluż hi, spjegaw lill-pulizija dak li kien seħħ.

Xehdet Binsie Baby li murija l-filmat għarfet lilha nnifisha. Qalet li hija l-ġara tal-parte ċivile u qalet li għall-ħabta tat-8:30pm semgħet l-għajjat u l-mara ta' ħu l-parte ċivile qaltilha li r-raġel tagħha pprova joqtolha. Hija stqarret li l-mara ta' ħu l-parte ċivile marret għandha u sakret il-bieb u sussegwentement saret taf li ħu l-parte ċivile kien ser jagħmel suwiċidju. Ix-xhud kompliet tgħid li żewġha ċempel lill-pulizija. Fil-frattemp wasal il-parti leza u ratu ħiereġ mill-vettura b' idejh mgħollija. Qalet li rat ukoll uffiċjal fuq mutur u ħasbitu pulizija. Hija qalet ukoll li kienet qegħda tipprova tispjegalu x' kien qed jiġri fuq. Ix-xhud kompliet tgħid li imbagħad wasal uffiċjal ieħor u bdew isawwtu lill-parti leża t-tnejn li huma l-ewwel beda' wieħed imbagħad kompla l-ieħor ukoll.

Xehed Timothy Diacono[19] li qal li nhar it-12 ta' Novembru 2022 kien irċieva messaġġ fuq il-mobile ta' *Lovin' Malta*, fuq *whatsapp,* mingħand ċertu Justin Aquilina li qallu li kien qara artiklu li kien kiteb Diacono dwar xufier tat-taxi li kien immultat minn uffiċjal tat-Transport Malta peress illi ma' kienx liebes uniformi. Qallu ukoll li kellu filmat li kien ħa ġimagħtejn qabel u li ried jibgħatulu. Ix-xhud qal li dan il-filmat kien meħud fis-26 ta' Ottubru fid-9:25 ta' filgħaxija ġewwa l-Marsa fejn kien joqgħod. Fil-

[16] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-8 ta' Mejju 2023 a fol. 271 l-atti proċesswali.
[17] A fol. 85 tal-atti proċesswali.
[18] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fl-4 ta' Jannar 2023 a fol. 106 sa 114 ta' l-atti proċesswali.
[19] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-8 ta' Frar 2023 a fol. 124 sa 127 ta' l-atti proċesswali.

fatt imbagħad ix-xhud irċieva dan il-filmat u bgħatu lill-Pulizija u lil Transport Malta li kkonfermawlu li kienu ser jinvestigaw il-każ. Diacono qal li xi ftit jiem wara ppublika l-vidjo iżda kien *editted* minnu biex ineħħi l-vuċi ta' Aquilina. Ftit jiem wara il-pulizija talbuħ il-vidjo sħiħ u hu kellem lil Aquilina biex jgħaddihulu. Sussegwentement, ix-xhud għadda l-vidjo sħiħ lill-pulizija.

Xehdet Jannie Mercieca[20] li qalet li fil-15 ta' Novembru 2022 kienet irċeviet *email* mill-pulizija[21] permezz ta' liema intalbet informazzjoni dwar min kien qiegħed jikri l-vettura ta' l-għamla Nissan March bin-numru ta' reġistrazzjoni CCL-886 fil-ġranet tal-25 ta' Ottubru 2022 sas-27 ta' Ottubru 2022. Ix-xhud qalet li rrispondiet li din il-vettura kienet qiegħda fuq ftehim ta' *hire-purchase* għand Anyl Tekilereapan u Saranija. Hi kompliet tgħid li għaddiet id-dettalji li kellha ta' dawn iż-żewġ persuni lill-pulizija.

Xehed Karmenu Cini[22] li qal li dakinhar ta' l-inċident huwa kien sejjer jorqod meta ra d-dawl blu tal-*beacon light* dieħel mill-gallarija. Għalhekk ħareġ jittawwal mill-gallarija u ra lil wieħed raġel fuq mutur, xi ħadd mimdud ma' l-art wiċċu 'l isfel u raġel ieħor li ġie min-naħa ta' fuq u niżel u beda' jagħti bil-ponn lir-raġel li kien mimdud ma' l-art. Sussegwentement ra lil xi ħadd iqajjimhom minn fuq dak li kien ma' l-art. Ix-xhud identifika lill-*parte civile* bħala dak li kien ma' l-art.

Xehed Oreste Debrincat[23] li qal li kien fuq is-sodda jara t-televixin meta sema' ħafna sireni u ra ħafna dwal. Ħareġ jittawwal u ra raġel mimdud  ma' l-art wiċċu 'l isfel. Ix-xhud indika lill-parte civile bħala dak ir-raġel li ra ma' l-art. Hu kompla jgħid li ra uffiċjal tal-LESA qisu jgħidlu biex jibqa' ma' l-art. Ftit tal-ħin wara wasal uffiċjal ieħor fuq mutur, niżel u neħħa l-helmet u mar fuq ir-raġel li kien hemm ma' l-art u beda' jtiħ bil-ponn filwaqt li jgħidlu "kont se toqtolni, kont se toqtolni" bil-lingwa Maltija.

---

[20] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-8 ta' Frar 2023 a fol. 129 sa 131 ta' l-atti proċesswali.
[21] Ara wkoll ix-xhieda ta' PC 423 Victorio Ciantar mogħtija nhar l-14 ta' Frar 2023 a fol. 160 tal-atti proċesswali.
[22] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-8 ta' Frar 2023 a fol. 132 sa 136 ta' l-atti proċesswali.
[23] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-8 ta' Frar 2023 a fol. 137 sa 140 ta' l-atti proċesswali.

Xehed Bernard Cachia[24] li qal li huwa kien qiegħed jara logħba futbol fil-kamra tas-sodda fir-residenza tiegħu li tinsab f' Triq Ħal Qormi, Marsa u fil-half time mar jittawwal mill-gallarija. Dak il-ħin huwa ra karozza u ra raġel li quddiem il-Qorti identifika bħala l-*parte ċivile*, ħiereg minnha. Huwa ra lill-*parte civile* jgħolli jdejh u jimtedd ma' l-art u warajh kien hemm uffiċjal tat-traffiku. Sussegwentament ra lil xi ħadd isawwat lill-*parte civile* fuq rasu.

Xehdet Rita Cachia[25] li tiġi mart ix-xhud Bernard Cachia li qalet li waqt li żewġha kien qiegħed jara logħba futbol qalilha li ma' jafx x' ġara lill-*parte ċivile.* Hija ħarġet tittawwal u rat lill-*parte ċivile* mimdud ma' l-art wiċċu 'l isfel u idejh wara. Ħin minnhom xi ħadd beda jagħtih f' rasu bil-ponn.

Xehdet Mary Rose Pace[26] Chief Officer Corporate Strategy fi ħdan Transport Malta fejn qalet li ċ-Chief Operations Officer ta' Transport Malta Kevin Farrugia qalilha li minn laqgħa li kellu mas-Supretindent Priscilla Caruana, ġie muri filmat li juri żewġ uffiċjali ta' Transport Malta. Peress li hi responsabbli wkoll mill-Human Resources, ikkonsultat mad-Direttur ta' dawk l-uffiċjali, Patrick Pollacco,[27] li qalilha minn kienu. Wara li tkellmet mal-avukat tal-Aġenzija, dawk l-uffiċjali, ossija l-akkużati odjerni, ġew sospiżi mill-impjieg tagħhom u talbet lill-pulizija jinvestigaw dan il-każ.

Illi Brandon Pisani fil-kapaċità tiegħu ta' 'Media Officer' mal-Korp tal-Pulizija, xehed[28] li, fl-14 ta' Novembru 2022 kien irċieva email mingħand Tim Diacono li huwa d-deputat editur ta' Lovin Malta li qal li kellu informazzjoni u filmat dwar inċident li ġara fi Triq Ħal Qormi, Marsa u staqsa jekk il-pulizija kellhiex informazzjoni dwar dan. Fil-fatt ix-xhud ikkonferma li l-pulizija kienet għadha ma' taf xejn dwar dan l-inċident. Huwa nforma lill-ispettur u lis-Supritendent u din ta' l-aħħar talbet lill-editur ta' Lovin Malta sabiex jgħaddi dan il-filmat lill-pulizija sabiex ikunu jistgħu jkomplu bl-investigazzjoni tagħhom. Huwa ikkonferma li kien irċieva il-filmat permezz ta' email u minn naħa tiegħu hu għaddieh lis-Supritendent tad-distrett.

[24] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-8 ta' Frar 2023 a fol. 141 sa 144 ta' l-atti proċesswali.
[25] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-8 ta' Frar 2023 a fol. 145 sa 148 ta' l-atti proċesswali.
[26] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-8 ta' Frar 2023 a fol. 150 sa 152 ta' l-atti proċesswali.
[27] Ara x-xhieda ta' Patrick Pollacco mogħtija fl-14 ta' Frar 2023 a fol. 162 sa 166 kif ukoll Dok. PP2 a fol. 168 ta' l-atti proċesswali.
[28] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fl-14 ta' Frar 2023 a fol. 158 sa 159 ta' l-atti proċesswali.

Illi Patrick Pollacco xehed illi dakinhar tal-14 ta' Novembru 2022 kellu laqgħa mal-pulizija b'rabta ma attività li kienet qed tiġi ppjanta u s-Supretendent Priscilla Caruana Lee urietu l-filmat ta' żewġ uffiċjali ta' Transport Malta jaggredixxu persuna. Staqsietu jekk jafux bih u hu ħadha għand iċ-Chief Operating Officer, Kevin Farrugia. Wara kellhom laqgħa internament fejn iddiskutew il-każ u wara li identifikawhom bħala EO Ivan Cassar u EO Antonelli, ħadu d-deċiżjoni li jissospenduhom b'nofs paga. Qal li Transport Malta ġiet mitluba tgħaddi l-materjal kollu li kellha lill-pulizija u hu għadda l-filmati u l-konverżazzjoni bil-VHF ta' dak il-ħin.[29] Hu eżebihom ukoll f'dawn il-proċeduri. Qal li l-muturi li jidhru fil-filmati kellhom in-numru ta' reġistrazzjoni ATM-036 u kien misjuq minn Ivan Cassar filwaqt li l-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni ATM-037 kien misjuq minn Renè Antonelli. Qal li hemm chat bejn l-uffiċjali u dakinhar tal-inċident, Ivan Cassar bagħat post "*aħna ħa nispiċċaw issa mix-xogħol, bil-kbir għalaqniha l-ġurnata llum. Nistgħu neħduha b'waħda llum jien u Renè. Good Night.*" hu bgħat messaġġ lura "X'ġara!?" iżda ħadd ma rrisponda. Meta xehed in difesa[30] qal li ma jiftakarx li qatt kien hemm rapporti fuq l-akkużati. Qal li sakemm ġie a konjizzjoni tiegħu, hu ma kienx jaf bl-inċident u li l-akkużati qatt ma talbuħ tinfetaħ investigazzjoni fuq dak li ġara.

Xehdet Stephanie Grech[31] fil-kapaċità tagħha ta' "RAO" tal-*Control Room* ta' LESA fejn qalet li l-ispettur Vella talabha d-dettalji tal-cameras li hemm f'dawk l-inħawi, ċioè Ħal-Qormi u Ħ'Attard. Qalet li nqabdu biss fil-cameras ta' Ħ'Attard u ppreżentat ritratti li juru (i) l-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni ATM-036 għaddej b'veloċità ta' 95.1km/hr f'żona ta' 50km/hr fi Triq in-Nutar Żarb, Attard;[32] u (ii) l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CCL-886 kienet qed tinstaq bi speed ta' 82.8km/hr fl-istess triq.[33] Fix-xhieda mogħtija ulterjorment[34] ikkonfermat li l-kontravenzjoni ta' sewqan eċċessiv mwettqa mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CCL-886 ġiet imħallsa.

---

[29] Ara wkoll ix-xhieda ta' Charlo Saliba u ta' Edmond Mallia mogħtija fil-15 ta' Mejju 2023, a fol. 306 u 310 tal-atti proċesswali.
[30] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-22 ta' Frar 2024 a fol. 456 ta' l-atti proċesswali.
[31] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fl-14 ta' Frar 2023 a fol. 171 sa 190 ta' l-atti proċesswali.
[32] Vide fol. 177 tal-atti proċesswali.
[33] Vide fol. 178 tal-atti proċesswali.
[34] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fl-14 ta' Frar 2023 a fol. 200 sa 202 ta' l-atti proċesswali.

Xehed Kevin Farrugia[35] fejn qal li dak iż-żmien huwa kien deputy CEO u Chief Operating Officer ta' Transport Malta. Qal li huwa kien mar fuqu Patrick Pollacco flimkien mas-Supretendent Priscilla Caruana u wrewħ il-filmat tal-uffiċjali. Qal li bagħat għaċ-Chief Officer tal-Corporate Services u li taħtha jaqa' d-dipartiment tal-Human Resources, Mary Rose Pace u ddiskutew il-każ. Qal li l-għada, ċioe fil-15 ta' Novembru 2022 bagħat għall-uffiċjali akkużati u wriehom il-filmat u ssospendihom mill-impjieg. Qal li waqt il-laqgħa magħhom ma staqsiehom xejn għaliex kien hemm l-investigazzjonijiet tal-Pulizija għaddejjin. Mistoqsi in kontro-eżami jekk ġiex mitlub minn Ivan Cassar biex itiħ il-verżjoni tiegħu għal-ewwel qal li qal li le però mbagħad ftakar li bejn dakinhar tal-inċident u d-data ta' meta ra l-filmat kemm Ivan Casasr kif ukoll Renè Antonelli kienu infurmawħ li dakinhar tas-26 ta' Ottubru 2022 kien hemm chase perikoluża min-naħa tar-Rabat sal-Marsa. Qal li fl-ebda mument ma kien jaf b'dik il-parti li tidher fil-filmat għax kieku kien jieħu passi mal-ewwel. Ikkonferma li l-Transport Malta ġiet mitluba mid-difiża tgħaddi l-filmati kollha lill-Pulizija. Qal li l-istess talba saret mil-pulizija wkoll. In difesa hu qal[36] li kellu talba, tramite email datata 16 ta' Novembru 2022, sabiex jiġu ppreżervati l-filmati CCTV u kien ta ordni lil Patrick Pollacco biex jippreżervhom. Qal li l-ewwel li sar jaf b 'dan il-każ kien meta kellmitu s-Supretindent Priscilla Caruana.

Xehed l-Enforcement Officer Michael Sammut.[37] li ġie muri l-filmat eżebit bħala Dok. JA u identifika lilu innifsu fih bħala dik il-persuna li kien qed jiġbed lura lill-akkużat Rene Antonelli. Hu għaraf lil Rene Antonelli bħala l-uffiċjali li niżel minn fuq il-mutur u mar jiġri fuq il-vittma u lil Ivan Cassar bħala l-uffiċjali li kien bilwieqfa ħdejn il-parte ċivile. Qal li dakinhar ta' l-inċident in kwistjoni huwa kien qiegħed xogħol meta fuq ir-radju sema' ħafna għajjat bejn iż-żewġ akkużati. Huwa xehed li dak il-ħin kien ma' uffiċjal ieħor u ppruvaw jagħmlu kuntatt ma' l-akkużati fuq ir-radju iżda ma' ħadux risposta. Xehed ukoll li rawhom għaddejjin bil-muturi jsuqu b' veloċita' qawwija bis-sirena u l-*beacon lights* mixgħulin. Kif wasslu fuq il-post fejn seħħ l-inċident raw raġel ma' l-art u ħasbu li kienu tajruh. Sussegwentement ra lill-Rene Antonelli ixejjer idejh u jgħidlu "kont se ttajjani, kont se ttajjarni". Qal li mar iżomm lil Rene Antonelli milli jkompli jtiħ però Antonelli baqa' ried itiħ. Xehed ukoll li imbagħad mar iżommu

[35] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fl-14 ta' Frar 2023 a fol. 193 sa 199 ta' l-atti proċesswali.
[36] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-13 ta' Marzu 2024 a fol. 472 sa 477 ta' l-atti proċesswali.
[37] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-27 ta' Marzu 2023 a fol. 262 sa 265 ta' l-atti proċesswali.

sabiex ma' jmurx iħebb għall-parti leża.[38] Ri-prodott[39] ix-xhud qal li l-akkużat Renè Antonelli ħebb għall-parte ċivile u tah bil-ponn fuq rasu. Qal li waqt li kien qed itiħ bil-ponn qallu li kien se jtajjru. Qal li din kienet 'out of character' għaliex Renè Antonelli huwa persuna kwieta.

Xehed l-Enforcement Officer Noel Bugeja[40] li qal li sema' ħafna għajjat fuq ir-radju u mar fuq il-post ta' l-inċident. Huwa ra mara li bdiet tgħajjatlu u kien hemm ħoss ta' sireni u ta' muturi. Kompla jgħid li ra persuna ma' l-art u waqqaf il-vann u niżel. Huwa ra lil Michael Sammut iżomm lil Rene Antonelli u mar jgħinu għax ried jaħrab biex imur fuq il-parte ċivile. Qal li ra lil Rene Antonelli niżel mal-parte ċivile u kien movimentat u kien hemm kuntatt. Qal li mbotta wkoll lil Ivan Cassar biex ma jkomplix imissu u ma jiġri xejn.

Xehed PC 1030 Clinton Theuma[41] fejn qal li hu mar fuq is-sit fejn seħħew l-allegati inċidenti għaliex kien hemm rapport ieħor ta' persuna li kienet teħtieġ l-għajnuna. X'ħin wasal fuq il-post ra diversi uffiċjali ta' Transport Malta u wieħed minnhom mar staqsieħ jekk ġiex fuq il-każ għax wieħed minnhom kien se jittajjar. Qallu li hu mar hemm fuq rapport ieħor. Qaluli li kien hemm wieħed minnhom, Ivan Cassar, ħassu ħażin u kellu xxokk kbir fuqu, tant li ħarġu jassistuħ xi ġirien ukoll. Staqsiehom jekk kellhomx bżonn xi għajnuna u qalulu li le u li kien u se jieħdu ħsieb kollox huma. Qalulu li kienu qed jagħmlu xi road checks u l-parti leża qabeż iċ-checkpoint u kien se jolqot wieħed minnhom. Qalulu li kien se jolqot lill-Ivan Cassar u uffiċjali oħra diversi drabi. PC 2437 Clive Mallia[42] xehed li anke hu mar fuq is-sit u sab uffiċjal ta' Transport Malta li kien taħt xokk. Spjegawlu li kienu qed isuq wara persuna u pprova jdaħħalhom ġo crash barrier. Qalulu li pprovaw jagħmlulu sinjal biex jieqaf mis-Saqqajja, r-Rabat u bdew jiġru warajħ.

---

[38] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-27 ta' Marzu 2023 a fol. 224 sa 242 ta' l-atti proċesswali.
[39] A fol 262 tal-Atti proċesswali.
[40] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-27 ta' Marzu 2023 a fol. 243 sa 261 ta' l-atti proċesswali.
[41] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-08 ta' Mejju 2023 a fol. 288 ta' l-atti proċesswali.
[4242] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-08 ta' Mejju 2023 a fol. 292 ta' l-atti proċesswali.

Xehedet Silvana Portelli[43] fejn ikkonfermat illi l-akkużati huma impjegati tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta filwaqt li Joseph Busuttil[44] li kkonferma li l-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni ATM-036 huwa propjetà tal-Awtorità dwar it-Trasport u dakinhar tl-akkużi kien misjuq minn EO 252 Ivan Cassar filwaqt li l-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni ATM-037 huwa wkoll propjetà tal-Awtorità dwar it-Trasport u dakinhar tl-akkużi kien misjuq minn EO 274 Renè Antonelli.

Xehed Jonathan Mizzi li kien maħtur mill-Qorti diversament presjeduta sabiex jagħmel estratt tal-filmat kif ukoll traskrizzjoni tal-VHF *recordings* eżebiti in atti liema traskrizzjoni ġiet eżebita bħala Dok. JM.[45]

Xehed l-akkużat Ivan Cassar[46] li qal li fil-ġurnata mertu tal-każ, huwa kien xogħol mas-sezzjoni tal-muturi, fl-Enforcement fi ħdan l-Awtoritá dwar it-Trasport f'Malta fejn kien ilu jaħdem għal kważi 9 snin. Huwa kompla jgħid li hu u l-akkużat l-ieħor kienu bil-mutur għall-ħabta tad-9:15pm, ċioè ftit qabel ma' kien ser jintemm ix-xift tagħhom fl-10:00pm u kienu niżlin lejn in-naħa tan-Nofsinhar ta' Malta mir-Rabat biex ikunu viċin il-garaxx tagħhom ġewwa Raħal Ġdid. Qal li waqt li kienu niżlin min-niżla tas-Saqqajja, isuqu wieħed wara l-ieħor, ra karozza mill-mera tan-naħa tal-lemin ġejja b'veloċità qawwija. Hu baqa' jiffoka fuq din il-vettura u meta ra li baqgħet fl-istess direzzjoni u bl-istess veloċità għaddihielu ħsieb li kien ser jibqa' għaddej minn fuqu. L-akkużat qal li ġibed il-mutur malajr għal fuq ix-xellug u l-vettura ġiet viċin ħafna tiegħu. Imbagħad il-vettura ġibdet għal-lemin tagħha, qasmet għall-karreġġjata l-oħra u kważi kienet ser taħbat 'head on' ma' vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta, li kif rat hekk dik il-vettura li kienet tielgħa ġibdet lejn ix-xellug u kważi ħabtet fis-siġar filwaqt li l-vettura l-oħra li kienet qiegħda tinstaq b' veloċità qawwija ukoll ġibdet lejn in-naħa tax-xellug tagħha u evitaw lil xulxin bi sbrixx. Qal li dak il-ħin ħa xokk kbiar għax ra erbat' imwiet se jseħħu quddiemu. Kif din il-vettura ġibdet lejn ix-xellug kien hemm l-mutur misjuq minn l-akkużat Antonelli. Għalhekk xegħel il-*beacon lights* u beda' isuq wara din il-vettura. L-akkużat qal li l-karozza tant kienet għaddejja b' veloċità qawwija li kienet qed toħloq periklu għal kulħadd.

[43] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-8 ta' Mejju 2023 a fol. 273 ta' l-atti proċesswali.
[44] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-8 ta' Mejju 2023 a fol. 280 ta' l-atti proċesswali.
[45] Ara x-xhueda tiegħu mogħtija fis-26 ta' Ġunju 2023 a fol. 330 sa 331 ta' l-atti proċesswali.
[46] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-22 ta' Jannar 2024 a fol. 362 sa 398 ta' l-atti proċesswali.

Qal li dik il-karozza kienet qed tinstaq b'mod indeksrivibbli, kważi "*bħal tal-films tal-action*"[47] Peress illi din ma' kienitx xi ħaġa normali huwa talab l-assistenza tal-pulizija minn fuq ir-radju tiegħu. Huwa talab l-assistenza tal-pulizija tramite l-*control room* ta' Transport Malta*.* Huwa qal li meta wasslu fis-Central link għamel sinjal sabiex ix-xufier tal-vettura jieqaf iżda dan minflok ġibed lejn ix-xellug fejn kien qed isuq l-akkużat li min-naħa tiegħu pprova jevitah biex ma' jtajrux u tilef il-kontroll tal-mutur bil-konsegwenza li kien ser jaħbat f'siġra. Qal li mbagħad René Antonelli laħaq miegħu bil-mutur u hu ukoll kien ser jittajjar mill-mutur, filfatt kien kważi se jitla' fuq il-bankina ta' quddiem l-istabbiliment bl-isem "Pit Stop". Huma baqgħu jsegwuh mill-viċin bis-sireni mixgħulin sabiex jiġu evitati inċidenti, Meta wasslu ħdejn l-ispeed camera ta' Ħ' Attard ra tixgħel aktar minn darba. Qal li René Antonelli qabżu u ħin minnhom tilef il-kontroll tal-mutur għal ġo sit ta' kostruzzjoni li kienet magħluqa bil-blokkok tal-metru u nofs kwadru iżda rnexxielu jgħaddi minn bejniethom. Qal li reġa talab l-assistenza tal-pulizija. Fuq il-bypass li jagħti għall-Marsa u Ħamrun il-karozza bdiet għaddejja bl-addoċċ tant li kien ta' periklu anke għalih inniffsu. Jgħid li f'ħin minnhom, l-akkużat irriversja għal fuqu. Meta imbagħad wasslu fi Triq Ħal-Qormi Marsa l-vettura waqfet quddiem dar minn fejn bdew ħerġin xi nies. Ix-xufier tal-karozza deher mifxul, kważi fi stat ta' ġenn, meta ħareġ mill-karozza. L-akkużat ra li l-xufier kien qiegħed jaħbi xi ħaġa f' idu u hu ħaseb li setgħet kienet xi arma. Imbagħad niżel għarkobbtejh u imbagħad imtedd ma' l-art. L-akkużat qal li niżel irkoppa fuq il-parti leża sabiex ma' jħallihx iqum għax rah qisu qed jipprova iqum u baqa' jaħseb li kellu arma f' idejh. L-akkużat qal ukoll li ħin minnhom mar iżommu minn wara iżda idejh ma' darux miegħu peress illi l-parti leża kien fih raġel. Wara li ġew il-pulizija mar raġel ieħor fuq l-akkużat, li qallu li kien ħu l-parti leża, u skuża ruħu f' isem il-parti leża. Skont l-akkużat, dan ir-raġel qallu li l-parti leża kien miġnun.

Mistoqsi għalfejn ma' qalx lill-parti leża sabiex jarmi dak li kellu f' idejh, l-akkużat qal li xogħlu kien li jżomm għajnejh fuqu u fuq dak li kellu f' idejh. L-akkużat qal li ma' kienx jaf x' kellu f' idejh u qal ukoll li malli wasslu l-pulizija hu warrab f' ġenb u ħalla f' idejhom. L-akkużat Cassar baqa' jgħid li ħin minnhom l-parti leża pprova jqum u ma kienx qiegħed jobdi l-ordnijiet il-ħin kollu. L-akkużat xehed li meta wasal

[47] A fol. 365 tal-atti proċesswali.

l-akkużat l-ieħor hu beża li l-parti leża seta' jaqbad dak li kellu moħbi f' idu u jaqbad jagħtih bih u mistoqsi in kontro-eżami kif seta' jiġri dan jekk huwa kien mindud ma' l-art, l-akkużat qal li hu dejjem kellu f' moħħu li ma' jħallihx jidħol ġewwa. Filfatt, qal li hu żamm lill-parti leża milli jidħol ġewwa u mistoqsi in kontro-eżami qal li għalih b'għemilu ma' kienx arresta lill-parti leża u fl-ebda ħin ma' qal lill-parti leża li kien taħt arrest. Qal li għall-ewwel, il-parti leża kien bilwieqfa ħdejn il-karozza u ftit wara qallu "I surrender" u niżel għarkupptejh ma' l-art u wara mtedd  ma' l-art. Qal li kellu jżommu għax il-parti leża prova jqum minn ma l-art diversi drabi.

Kompla jgħid li l-akkużat Rene Antonelli, beda' ixejjer idejh u jgħajjat li kien "kont ħa toqtolni, kont ħa toqtolni". Fuq mistoqsija tal-Qorti dwar kif xejjer idejh Antonelli, Cassar qal li beda' ixejjirhom 'l isfel fid-direzzjoni tal-parti leża u qal li ma' setax jgħid laqtux. Qal li dak il-ħin kien aktar moħħu fil-parti leża u f'dak li kellu f'idejħ. Huwa innega li f' xi ħin xejjer idejh lejn il-parti leża. Qal li hu għamel biss rapport intern u ħareġ ċitazzjoni. Qal li m'għamilx rapport formali mal-pulizija għaliex skontu, wieħed mill-pulizija li marru fuq il-post qallu li min-naħa tagħhom ma jistgħu jagħmlu xejn. Hu spjega li dakinhar kien liebes l-uniformi ta' Transport Malta u xogħolu hu li jara li fit-toroq ma jsirux manuvri kontra l-liġi.

Xehed l-akkużat Rene Antonelli[48] li qal li huwa ilu 6 snin jaħdem bħala uffiċjali ta' l-infurzar  fis-sezzjoni tal-muturi, fi ħdan l-Awtorità dwar it-Trasport f' Malta. Qal li fis-26 ta' Ottubru 2022 kien xogħol fil-għaxija u bejn id-9:10 u 9:30pm kien ma kollega tiegħu r-Rabat u ftehmu li jinżlu 'l isfel lejn Raħal Ġdid biex idaħħlu l-muturi lura peress illi x-xift tagħhom kien wasal biex jispiċċa. Huma u niżlin mis-Saqqajja ra karozza tiela' 'l fuq ġejja lejhom u kienet qed issuq 'l ġewwa jagħfas lejn is-siġar, fuq in-naħa tal-lemin. F'daqqa  u l-ħin ħass karozza għaddejja żbrixx minn miegħu u kważi laqtitu u bdew isejjħu għall-assistenza tal-pulizija minn fuq ir-radju. Huwa ddeskriva s-sewqan tal-parti leża bħala sewqan b' veloċita' qawwija, jdoqq il-horn, iserrep 'l hawn u 'l hinn. Huwa kompla jgħid li meta wasslu l-mina l-ġdida l-vettura tal-parti leża rassitu u tefgħetu fi blokok li kien hemm jagħlqu t-triq u waqa' bil-mutur u kien hemm fetħa bejn żewġ blokok u għadda minnha. Dak il-ħin ra dawl blu nieżel fid-direzzjoni lejn il-Marsa, li kien ġej mill-mutur ta' l-akkużat l-ieħor. Antonelli stqarr

[48] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-22 ta' Jannar 2024 a fol. 411 sa 437 ta' l-atti proċesswali.

li hu imbagħad safa' waħdu għax kien tilef lil kulħadd imbagħad sema' lill-akkużat l-ieħor jgħid fuq ir-radio li kien ħdejn ir-Regina. Qal li meta wasal ħdejn l-akkużat l-ieħor ra raġel mixħut ma' l-art, mar fuqu u beda' ixejjer idejh u qallu "għaxiex għamiltli hekk, kont ħa toqtolni". Sussegwentement wasslu l-pulizija u qalulhom x' ġara.

Qal li hu u Cassar kienu marru l-għassa tal-Ħamrun minn jeddhom mat-tlett darbiet biex jagħtu l-verżjoni tagħhom dwar dak li kien seħħ, iżda f'żewġt idrabi kienu qalulhom biex jerġgħu imorru lura. Mistoqsija in kontro-eżami meta kienu d-dati li marru qal li ma jafx u ċaħad is-suġġeriment li kien mar darba biss, ċioè meta bagħat għalih l-ispettur. Iċċara li hu mar l-għassa minn jeddu wara li ħareġ il-filmat fil-vidjo. Mistoqsi dwar għalfejn ma marx jagħmel rapport qabel ma ħareġ il-filmat, tenut kont tal-perikolu li kien espost u x-xokk li għadda minnu, qal li ma jafx. Qal però li internament għamel rapport sħiħ dwar dak li ġara, ħlief il-parti fejn "sawwatnieħ".[49]

Qal li l-intenzjoni tiegħu kienet li jwaqqaf lill-parti leża minn dak is-sewqan peress li kien ta' periklu għall-oħrajn. Fuq mistoqsija in kontro eżami l-akkużat Antonelli kkonferma li f'ebda ħin ma' nforma lill-parti leża li kien taħt arrest. Qal li waqt li kien fuq il-post, daħal għand waħda mara sabiex juża l-bathroom u hi għamlitlu kafè għax kien jidher li kien taħt xokk qawwi. Qal li lill-pulizija li kienu fuq il-post ma semmielhom xejn dwar dak li ġara mir-Rabat s'hemm għaliex kien taħt xokk. Qal li Ivan Cassar ħareġ ċitazzjoni u kiteb ir-rapport u li hu ma jafx x'hemm miktub fihom.

Huwa kkonferma li minkejja li għamlu r-rapport u qal lil ta fuqu, qatt ma sar rapport mal-Pulizija u bejn li seħħ l-allegat każ sa meta ħareġ il-vidjo fuq il-media soċjali, huma qatt ma talbu lill-pulizija sabiex tinvestiga.

Xehdet Dr. Deborah Attard[50] li qalet li hija l-konsulent legali ta' Transport Malta u li jkollha ħafna kuntatti ma' l-Enforcement Officers. Qalet li hi qatt ma kellha problemi mal-akkużati.

---

[49] Fol. 432 tal-atti proċesswali.
[50] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-22 ta' Frar 2024 a fol. 453 ta' l-atti proċesswali.

Xehed l-Ispettur Ian Vella in difesa[51] li kkonferma li l-akkużati marru l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun minn jheddhom u mingħajr ma' ma kienu mitluba. Qal li huma kkoweperaw. Qal li s-Supretendent Priscilla Caruana talbet lil Tranport Malta iżżomm il-footage tal-cameras. Qal li hu kellem lil Patrick Pollacco iżda lil Kevin Farrugia, li kien Deputy CEO u Chief Operations Officer ma kienx kellmu. Qal li minn meta seħħ il-każ odjern sa meta ħareġ il-filmat fuq il-midja, hu qatt ma ġie avviċinat biex jitlob il-filmat CCTV minn Transport Malta.

Xehed Brian Farrugia[52] fejn qal li l-Enforcemen DIrectorate huwa wieħed mid-Direttorati fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Awtorità għandha l-jedd li taħtar uffiċjali. Qal li l-muturi tal-Enforcement Officers huma mgħammra b'beacon lights u li huma vetturi on priority duties, bħalma huma l-pulizija. Qal li huma eżenti mill-ispeed cameras meta jkollhom il-beacon lights mixgħulin.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti huwa inkotestat li l-akkużati huma uffiċjali pubbliċi u li dakinhar tas-26 ta' Ottubru 2022 huma kienu fuq xogħolhom fl-inħawi tas-Saqqajja, r-Rabat (Malta) isuqu l-muturi tal-Awtorità fid-direzzjoni lejn in-nofsinhar ta' Malta. Huwa inkotestat ukoll li l-parti leża kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CCL-886 b'ċerta veloċità u għaddha minn ħdejhom u minn dak il-mument bdiet *car chase* li spiċċat il-Ħamrun, fi Triq Ħal-Qormi. Jirriżulta nkontestat ukoll li ftit tal-ħin qabel ma seħħet din il-*car chase*, il-parti leża rċieva telefonata mingħand il-mara ta' ħuħ fejn talbitu jiġi malajr għaliex ħuħ kien qed ikun aggressiv. Filfatt, marru l-uffiċjali tal-Pulizija *in situ* b'rabta mal-każ ta' vjolenza domestika.  Li huwa kkuntestat, min-naħa l-oħra, huwa dak li tassew seħħ fi Triq Ħal-Qormi meta l-akkużati laħqu lill-parti leża u qagħdu jistennew l-intervent tal-pulizija.

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota li dan il-każ inġieb għall-attenzjoni pubblika bil-ħidma tas-sit Lovin' Malta u bil-kuxjenza ta' xhud okulari li rrekordja dak li kien qed iseħħ

[51] Ara x-xhieda tiegħu  mogħtija fit-22 ta' Frar 2024 a fol. 461 ta' l-atti proċesswali.
[52] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fl-14 ta' Mejju 2024 a fol. 479 sa 486 ta' l-atti proċesswali.

f'dawk il-mumenti. Illi filfatt, għalkemm l-akkużati kitbu r-rapport ġornaljer[53] ta' dak li ġara matul ix-shift tagħhom, fl-istess rapport hemm karenza kbira tal-gravità taċ-ċirkostanzi kif ddeskritti kemm fl-istqarrijiet tagħhom kif ukoll fix-xhiedha tagħhom mogħtija quddiem din il-Qorti. Per eżempju, minkejja li fix-xhieda tagħhom jiddeskrivu li l-parti leża kien se jtajjarhom diversi drabi, fir-rapport hemm biss indikat li kien se jtajjar lil EO 274 (ċioè Renè Antonelli). M'hemm ebda deskrizzjoni ta' dak li seħħ fil-Ħamrun meta l-parti leża waqaf u mtedd ma' l-art u lanqas hemm imsemmi oġġett li allegatament kien qed jaħbi l-parti leża f'idejħ. Il-Qorti ssib din l-ommissjoni kemmxejn stramba, partikolarment għax kien EO 252 (ċioè Ivan Cassar) li kiteb dak ir-rapport u kien l-istess Ivan Cassar li saħaq fuq il-periklu tal-oġġett li kien qed iżomm f'idejħ il-parti leża.

Illi rriżulta wkoll mill-provi prodotti li l-akkużati m'għamlux rapport mal-Pulizija dwar dak li ġara. Jidher ukoll mix-xhieda tal-uffiċjali ta' Transport Malta li r-rapport intern ma kienx eskalat sal-punt li ssir investigazzjoni. Filfatt, l-ewwel darba li bdew jiġbru l-materjal kien wara li l-Pulizija ġie a konjizzjoni tal-filmat miġbud u s-Supretendent Priscilla Caruana talbet tali filmati.

Illi għalhekk, jirriżulta għall-Qorti li hemm kuntrast bejn is-severità tal-każ kif deskritt mill-akkużati, ossija li kienu se jmutu diversi drabi,  u l-fatt li huma stess ipprovaw, kemm *a tempo vergine* u kif ukoll fil-ġimgħat ta' wara, imewwtu dan l-epoisodju billi ma esklawħx u lanqas għamlu rapport mal-Pulizija. In effetti, l-unika 'konsegwenza' li kellu l-parti leża hija ċitazzjoni ta' overspeeding, li ġiet imħallsa minnu. Ma jirriżultax li ttieħdu passi legali ulterjuri kontiħ.

Ikkonsidrat;

Illi fl-ewwel akkuża miġjuba kontra l-akkużati hija dik arġinata fuq l-Artikolu  139A(b) tal-Kodiċi Kriminali, ossija dik li fil-kapaċita' tagħhom ta' uffiċjali pubbliċi infliġġew fuq Anoob George Thomas uġiegħ jew tbatija gravi, sew fiżika sew mentali sabiex jikkastigawh għal xi att li wettaq.

[53] A fol. 405 tal-atti proċesswali.

Illi mill-vidjo ippreżentat in atti jidher ċar li l-parti leża kien mimdud mal-art fil-karreġġata tat-triq u l-akkużat Ivan Cassar kien bilwieqfa ħdejħ. Is-sitwazzjoni kienet kalma u kultant ħin Ivan Cassar kien qed jgħid lill-akkużat biex jibqa' fejn hu. Wara ftit sekondi jidher l-akkużat Renè Antonelli ġej bil-mutur tiegħu. Waqaf fil-karreġġata, niżel minn fuq il-mutur u telaq jiġri għal fuq il-parti leża fejn jidher qed ifajjar daqqa ta' ponn b'idejħ il-leminija fuq l-spalla tax-xellug tal-parti leża. Ma dak il-mument, Ivan Cassar jidher li ta daqqa b'irkupptejħ il-leminija f'nofs dahar il-parti leża. Renè Antonelli jidher ifajjar daqqa ta' ponn oħra, din id-darba f'ras il-parte ċivile u jieqaf. Jerġa' jitħ daqqa ta' ponn oħra sakemm fl-aħħar mar l-Enforcement Officer Michael Sammut iżommu fejn anke hemm Renè Antonelli kien qed jissara miegħu biex ikompli jagħti lill-parti leża. Eventwalment, Renè Antonelli u Michael Sammut allontanaw ruħhom minn fejn il-parti leża filwaqt li Ivan Cassar baqa ħdejħ. Hekk kif il-parti leża ipprova jqum għarkupptejħ, Cassar jidher jaqbdu minn xahru u jimbottalu rasu 'l isfel bis-salt. Tant li l-Enforcement Officer Noel Bugeja imbuttaħ biex ma jkomplix itieħ.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-akkużati kienu irrabjati ħafna mal-parti leża għaliex skonthom kien se joqtolhom diversi drabi waqt li kienu qed isuqu warajħ. Filfatt, għalkemm fil-bidu tal-filmat l-akkużat Ivan Cassar jidher kalm, l-akkużat Renè Antonelli niżel jiġri minn fuq il-mutur u mar mal-ewwel fuq il-parti leża u taħ xi daqqiet ta' ponn filwaqt li qallu "kont se toqtolni, kont se toqtolni". Ġie pprovat ukoll li l-akkużat Ivan Cassar kien taħt xokk minnħabba dak li kien għadda minnu waqt l-insegwiment. Illi anke mir-recordings tal-VHF fil-mumenti ta' meta kien qed iseħħ l-insegwiment, l-akkużati jinstemgħu qed jiktellmu b'mod aġitat.

Illi l-parti leża xehed li huwa kien għadu qed isofri uġieħ fi spallejħ anke meta ġie mitkellem mill-pulizija, ċioè tlett ġimgħat wara li seħħ dan il-kaz, kif del resto ġie kkonfermat ukoll biċ-ċertifikat mediku ppreżentat.

Illi għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li l-uġieħ li l-akkużati kkawżaw lill-parti leża kien riżultat ta' tpattija talli kien se jtajjarhom bil-karozza waqt l-insegwiment u għalhekk,

hija l-fehma tal-Qorti li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-ewwel akkuża sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni, t-tielet u r-raba' akkużi miġjuba kontra l-akkużati fir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali huma arġinati fuq l-Artikoli 86,87(1)(ċ), 88, 138, 139 tal-Kodiċi Kriminali, l-Artikoli 86,87(1)(ċ) u 88 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 355W(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fl-ewwel lok għandu jiġi senjalat li d-dmirijiet tal-Enforcement Officers jemanu mir-Regolamenti Dwar Uffiċjali ta' Infurzar tat-Trasport.[54] Illi r-regolamenti 7, 8, 9 u 10 tar-Regolamenti jiddelineaw b'mod ċar x'inhuma l-poteri ta' dawn l-uffiċjali. Illi l-insegwiment ta' vetturi u l-arrest ta' persuni m'humiex inklużi fil-poteri li dawn l-uffiċjali għandhom is-setgħa li jwettqu.

Illi di più, l-Artikolu 355W tal-Kodiċi Kriminali jistipola liema huma dawk iċ-ċirkostanzi fejn persuna privata tista' tarresta persuna mingħajr ma jkollha mandat u minkejja li ma tkunx uffiċjal pubbliku. Ilil l-Artikolu 355W(2) ikompli jistipola li fejn persuna fil-privat twettaq arrest skont kif permess mill-Artikolu 355W(1) tal-Kodiċi Kriminali, tali persuna għandha tinforma lill-pulizija mingħajr ebda dewmien.

Illi fir-rigward tar-reat ta' arrest illegali kkontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut għas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs -Omissis- Seydou Bandaogo**[55] illi:

---

[54] L.S. 499.51.

[55] **Ir-Repubblika ta' Malta vs -Omissis- Seydou Bandaogo**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), 26 ta' Jannar 2021 (Att tal-Akkuża Nru. 8/2018)

"*Il-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p.40] meta jkun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jgħid:-*

*the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty:*

*"Il reato preveduto nell'articolo 169 (our section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro". (Roberti - Ibid, para 323).*

*… Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in a place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*

*Illi allura sabiex ir-reat tas-sekwestru tal-persuna jikkonfigura, trid tirriżulta l-privazzjoni ta' persuna mill-libertà personali tagħha u dan mhux biss meta dik il-persuna tittieħed forzatament minn post għall-ieħor, imma anke meta tiġi miżmuma kontra l-volontà tagħha milli tiċċaqlaq għal xi ħin jew tiġi msakkra x'imkien.*

*Biex ikun hemm ir-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kap.9, irid jirriżulta li l-vittma ġiet imwaqqfa, miżmuma jew meħuda minn post għall-ieħor kontra l-volontà tagħha, u s'intendi mingħajr awtorità leġittima.*

*Bl-awturi, fosthom l-Antolisei u l-Maino, iqisu li sabiex jissussisti dan ir-reat mhux biss il-vittma trid tkun ġiet imċaħda b'mod assolut mill-libertà tagħha biex b'hekk ma jkunx hemm possibilità ta' ħarba jew sokkors, iżda wkoll illi tali privazzjoni tal-libertà trid tkun ipperdurat għal perijodu ta' ħin u mhux jekk dan jkun momentanju biss*."

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza oħra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Shawn Tabone**[56] fejn il-Qorti qalet:

> *"Antolisei jikkommenta hekk dwar dan ir-reat: 'L'elemento oggettivo consiste nella privazione della liberta' personale, la quale qui va intesa in senso restrittivo, e cioe' come liberta' spaziale o liberta' di muoversi nello spazio (liberta' di locomozione). ......nel sequestro di persona la limitazione concerne tutta la zona della libera locomozione o una determinata serie o specie di movimenti. ......Risponde del reato in esame tanto chi chiude una persona in una stanza, impendendole di uscirne, quanto chi omette di restituire ad un terzo la sua liberta' di movimento, trattendeol indebitamente nel luogo cui e' rinserrato......E' necessario, peraltro, che la perdita della liberta' si protragge per un periodo di tempo di un certo rilievo......... L'elemento soggettivo consiste nella coscienza e volonta' di privare taluno della sua liberta' personale, senza averne l' autorizzazzione. Non occorre alcun fine speciale'.*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-akkużati għamlu insegwiment tal-vettura tal-parti leża. Filfatt l-akkuzat Renè Antonelli baqa' jsegwi l-vettura sal-Imrieħel filwaqt li l-akkużat Ivan Cassar baqa' jsegwieħ sa' meta waqaf fil-Ħamrun. Hemmhekk jirriżulta li Ivan Cassar, u sussegwentement Renè Antonelli, ma ħallewx lill-parti leża titlaq u tmur lejn id-dar fejn kien hemm il-mara ta' ħuħ iżda żammewħ hemm sakemm fl-aħħar ġew il-pulizija. Filfatt, meta l-parti leża tidher fil-filmat li qed tipprova tqum minn ma' l-art, l-akkużat Ivan Cassar jidher mal-ewwel isabbtilha rasha 'l isfel biex ma tqumx.

Illi fix-xhieda tagħom, l-akkużati jgħidu li tul l-insegwiment huma bdew isejjħu għall-pulizija tramite l-*control room*. Jidher, madanakollu, li dan il-messaġġ ma wasalx għand il-membri tal-pulizija għaliex dawk l-uffiċjali tal-pulizija marru fuq il-post m'hux b'rabta ma dan l-insegwiment, iżda b'rabta ma rapport ta' vjolenza domestika magħmul mill-mara ta' ħu l-parti leża. Illi hawnhekk, il-Qorti tinnota li s-sejħa għall-

[56] **Il-Pulzija vs Shawn Tabone,** Qorti ta' l-Appell Kriminali, 6 ta' Jannar 2012 (Appell Kriminali Nru. 467/2010)

għajnuna tal-pulizija bdiet issir mill-akkużat waqt li kien qed isir l-insegwiment. Ma tressqet ebda prova li mal-mument li l-parti leża ġiet arrestata, xi ħadd mill-akkużati ikkomunika mal-pulizija. Għalkemm il-Qorti tara li x'aktarx l-akkużati kienu taħt il-*forma mentis* li l-pulizija kienu fi triqthom 'l hemm, jibqa' l-fatt li l-vot tal-liġi fl-Artikolu 355W(2) tal-Kao. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġiex segwit biex b'hekk, l-arrest tal-parti leża kien wieħed kontra l-liġi anke għaliex il-pulizija ma ġewx informati immedjatament.

Illi għalhekk, ġie pprovat a sodisfazzjon tal-Qorti illi l-akkużati ma kellhom ebda jedd, la taħt ir-Regolamenti Dwar Uffiċjali ta' Infurzar tat-Trasport u lanqas taħt il-Kodiċi Kriminali li jarrestaw jew jissekwestraw lill-parti leża u dan bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali. Illi di più, kif diġà spjegat aktar 'l fuq, waqt li l-parti leża kien miżmum mal-art, l-akkużati kkaġunaw offiżi fuq il-persuna tiegħu, bi ksur tal-Artikolu 87(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-Qorti, madanakollu, ma tarax li mill-provi prodotti ġew sodifatti l-estrrmi tal-Artikolu 88 tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant huwa inapplikabbli għal dan il-każ.

Illi fir-rigward tal-Aritkolu 138 u 139 tal-Kodiċi Kriminali, jirriżulta mill-provi li l-akkużati kkawżaw tgħakis lill-parti leża kemm meta taw daqqiet kif ukoll meta żammewħ wiċċu mal-art sekwestrat u arrestat meta huma ma kellhom ebda jedd fil-liġi jagħmlu dan.

Illi għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tieni, it-tielet u r-raba' akkużi miġjuba kontra l-akkużati.

Ikkonsidrat

Illi l-ħames akkuża miġjuba kontra l-akkużati hija dik ta' ġrieħi ħfief kontra l-parti leża, bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi miċ-ċertfikat ippreżentat kif ukoll mix-xhieda tat-tabib Dr Mark Brincat jirriżulta illi l-parti leża sofra uġieħ fi spallejħ, fil-kustilji u anke f'daharu. Illi l-Artikolu 221(4) tal-Kodiċi Kriminali, madanakollu, jistipola illi fil-każijiet tal-Aritkolu 221(1) u (3) ma jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża.

Jirriżulta illi fil-każ *de quo,* il-parti leża f'ebda mument ma għamel rapport mal-pulizija u konsegwentement m'hemm ebda kwerela da parti tiegħu. Għalhekk il-Qorti ma tistax issib ħtija f'din il-ħames akkuża miġjuba kontra l-akkużati.

Ikkonsidrat

Illi s-sitt, is-seba', t-tmien, u d-disa' akkużi miġjuba mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-Rinviju għall-ġudizzju huma kollha reati ta' natura kontravvenzjonali.

Illi s-sitt u s-seba' akkuża huma arġinati fuq l-Artikoli 339(1)(d) u (e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-Artikolu 339(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola illi fil-każ ta' dawn l-artikoli, ma jittieħdu ebda proċeduri jekk mhux bil-kwerela tal-parti leża. Il anke hawnhekk, il-Qorti tirrimarka illi l-proċeduri odjerni ma nbdewx bil-kwerela tal-parti leża u għalhekk il-Qorti ma tistax issib ħtija f'dawn iż-żewġ akkużi.

Illi fir-rigward tal-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil:**[57]

> *"Bħala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm*

[57] **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil,** 23 ta' Ġunju 1994, Qorti tal-Appell Kriminali

*b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil" u "dan ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace."*

Illi mix-xhieda ta' Justin Aquilina jirriżulta li l-inċident *de quo* niggiżlu l-kuxjenza u xxukkja ruħu b' dak li kien qed jara tant li ma setax iħalli dan l-inċident jgħaddi qisu xejn m' hu xejn. Huwa ma ħassx li huwa sew li persuna li għandha l-awtorità' għandha tagħmel hekk li ħaddieħor. Illi għalhekk, bl-aġir tagħhom, l-akkużati issodisfaw l-elementi rikjesti minn dan l-artikolu u b'hekk, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din it-tmien akkuża.

Illi fir-rigward tad-disa' akkuża, u ċioè dik ravviżata fl-Artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali, jirriżulta mix-xhieda mogħtija li x-xhieda pajżana ħarġu biex jaraw x' kien qed jiġri għaliex semgħu ħafna għajjat u storbju fit-triq. Noel Bugeja xehed li sema' ħafna għajjat u storbju u ra kuntatt fiżiku bejn l-akkużati u l-parte ċivile. L-istess xehed Oreste Debrincat u Bernard Cachia.

Illi għalhekk anke din id-disa' akkuża ġiet ampjament ipprovata mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tal-għaxar akkuża, ossija dik arġinata fuq l-artikolu 127(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 2 u l-Iskeda tal-Att Dwar il-Kummissarji Għall-Ġustizzja, Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta li jirriżerva l-prosekuzzjoni ta' dan ir-reat għal quddiem il-Kummissarji għall-Ġustizzja.

Illi għalhekk, din il-Qorti m'hijiex adita biex taqta' u tiddeċiedi din l-għaxar akkuża u għalhekk qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Ikkonsidrat;

Illi finalment, it-tnax-il akkuża tagħmel referenza għall-Artikolu 54 tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jagħti s-setgħa lill-Ministru għat-Trasport jagħmel dawk ir-regolamenti li jidhirlu meħtieġa, filwaqt li l-Artikolu 55 tal-istess Kap tistipola l-konsegwenzi meta persuna twettaq reat kontra r-regolamenti hekk magħmulha. Il-prosekuzzjoni, madanakollu, ma tindikax liema, minn dawn ir-regolamenti, allegatament kisru l-akkużati b'din it-tnax-il akkuża u għalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-piena il-Qorti ser tikkunsidra diversi fatturi, fosthom anke l-anteċedenti tal-akkużati. Filfatt, jirriżulta illi Renè Antonelli diġà xellef difrejħ mal-liġi fl-2016 filwaqt li Ivan Cassar qatt ma xellef difrejħ.

Illi dwar  l-akkużi miġjuba kontra l-akkużati, il-Qorti tinnota li l-ewwel akkuża biss diġà ġġorr magħha minimu ta' ħames snin priġunerija u għalhekk il-Qorti hija prekluża milli tagħti sentenza ta' priġunerija sospiża ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-pieni tar-reati l-oħra huma ta' portata inqas serja.

Illi l-Qorti, madanakollu, tifhem li l-akkużati kienu fi stat ta' paniku u aġitament meta raw lill-parti leża ssuq b'dak il-mod hekk veloċi u spavald. Illi fil-fehma tal-Qorti, l-iżball maġġuri tal-akkużati kien li meta ġew rinfaċċati b'dik is-sitwazzjoni aġitata, ma ħasbux b'moħħ ċar u rażjonali iżda qabdu l-muturi u bdew isuqu wara l-parte ċivile. B'din id-deċiżjoni, huma mhux biss ipperikolaw ħajjithom iżda dik tal-utenti tat-toroq f'dak il-ħin. Fil-fehma tal-Qorti, l-akkużati messhom applikaw id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti Dwar Uffiċjali ta' Infurzar tat-Trasport billi ħadu d-dettalji tal-vettura u rrappurtaw tali infrazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti. Illi in effetti, kemm bil-car chase

u kemm mingħajra il-parti leża rċieva ċitazzjoni talli kiser il-limitu tal-veloċità biss! Illi għalhekk huwa evidenti għall-Qorti li l-akkużati ħallew il-passjoni tiġri bihom u telqu jiġru bil-mutur wara tali vettura. Din il-passjoni u tensjoni li kellhom fuqhom imbagħad sabet il-kulminu tagħha meta l-parti leża kien mixħut ma' l-art.

Illi l-Qorti tagħmilha ċara li dan l-aġir da parti ta' kull uffiċjal pubbliku huwa inaċċettabli u intollerabbli. L-Uffiċjali tal-awtoritajiet qegħdin hemm sabiex jgħinu liċ-ċittadini u jaspiraw fiduċja fl-awtoritajiet. Aġir bħal dak odjern mhux biss itellef il-ġieħ lejn l-Awtoritajiet, iżda wkoll iqanqal sens ta' insikurezza fiċ-ċittadini li jkunu qed jassistu għal xeni simili. Illi għalhekk, il-Qorti ma tistax tiskarta s-serjetà tar-reati mwettqa mill-akkużati.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tistax tinsa wkoll li l-akkużati kienu qegħdin fuq xogħolhom u li kieku ġiet ħażina, kienu xi ħadd minnhom setà tilef ħajtu. Għalkemm il-perikolu għal ħajjithom ħolquħ huma stess bid-deċiżjoni li ħadu, jibqa' l-fatt li tali deċiżjoni ħaduha għax mingħalihom li qed jaqdu dmirhom. Għalhekk, il-Qorti tqis li piena karċerarja f'dawn iċ-ċirkostanzi m'hijiex waħda idonea. Il-piena, madanakollu, xorta għandha tkun waħda li tirrifletti s-serjetà ta' għemil l-akkużati.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli, 15A, 17, 31, 86, 87(1)(ċ), 88, 138, 139, 139A(b), 141, 214, 215, 221, 338(m)(dd), 339(1)(d)(e), 355W(2), 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fl-artikolu 127(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-artikoli 54 u 55 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil **Ivan Cassar u lil René Antonelli <u>ħatja</u>** ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', it-tmien, id-disgħa akkużi filwaqt li qed tilliberhom mill-ħames, sitt u seba' akkuża u qed tastjeni mill-

għaxar u mit-tnax-il akkuża u, wara li rat l-Artikoli 11, 12, 13 u 14 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tpoġġi lill-istess Ivan Cassar u Renè Antonelli taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità bil-kondizzjoni li jagħmlu xogħol bla ħlas għal mitejn siegħa (200) kull wieħed f'dak il-post u  b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet mogħti kontestwalment.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-akkużati a favur ta' Anoob George Thomas għall-perjodu ta' tlett (3) snin li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil Ivan Cassar u Rene Antonelli *in solidum* iħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali  s-somma komplessiva ta' tlett mija tmienja u sittin Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmi (€368.22) rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri.

Illi a tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunità kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqsu milli jikkonformaw ruħhom, jew min minnhom, ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmlu reat ieħor huma, jistgħu jingħataw sentenza għar-reati li tagħhom instabu ħatja b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunità bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**